MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 1922/1997/1

Avviz Nru:- 1922/97DM

Avukat Dottor Michael Tanti Dougall ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Telecell Limited

Vs

Anthony Sammut

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' mitejn u lira Maltin u disgha u tmenin centezmi (Lm201.89), bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut

mis-socjeta attrici ghall-perjodu mill-24 ta’ Jannar, 1995 sal-20 ta’ April, 1995.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 15 ta’ Jannar, 1997 u tal-ittra ufficjali t’ April, 1997 u bl-imghax legali mill-1 ta’ Frar 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Gunju 1999 fejn il-konvenut ikkontesta t-talba attrici.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi t-talba attrici ghas-somma ta’ mitejn u wiehed liri Maltin u disgha u tmenin centezmi (Lm201.89) tirreferri eskluzivament ghall-uzu ta’ mobile telephone u airtime ghall perjodu specifiku bejn l-24 ta’ Jannar 1995 u l-20 t’April 1995.

Il-kontijiet relevanti ghax-xhur rispettivi huma ndikati fl-istatement dettaljat esibit mill-attur a fol 27 tal-process u mmarkat dokument Nru 1.

Il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu ma jinnegax illi fix-xhur indikati huwa kien effettivament ghamel uzu mill-airtime u mill-mobile telephone ipprovdut, izda kkontesta l-ammont mitlub mill-atturi minhabba li kellu kwistjoni maghhom dwar il-kera tal-linja wara April tal-1995.

Kif jirrizulta mill-istatement esibit mill-atturi (Dok Nru 1), qabel ma bdiet din il-kawza l-istess atturi kienu rrinunzjaw ghal din il-kera u llimitaw it-talba taghhom eskluzzivament ghal perjodu sa April tal-1995 fejn ghalhekk jirrizulta li l-partijiet ma kellhom ebda kwistjonijiet bejniethom.

Ghalhekk minn dawn il-provi jirrizulta illi t-talba attrici kif dedotta fit-12 ta’ Settembru 1997 permezz tal-avviz odjern hija gustifikata u timmerita li tkun ikkonfermata, hlief ghal disgha centezmi billi t-total tal-ammonti dovuti ghax-xhur bejn Jannar u April tal-1995 jammontaw biss ghal mitejn u wiehed lira Maltija u tmenin centezmi (Lm201.80).

Izda l-konvenut issostni wkoll illi fil-mori tal-kawza huwa ghamel pagament akkont fis-somma ta’ Lm163.13 (mija u tlieta u sittin lira Maltin u tletax il-centezmi) liema allegazzjoni giet pero’ ikkontestata mill-atturi .

Bi prova ta’ dan il-pagament il-konvenut ipprezenta kopja ta cheque tal-10 ta’ Lulju tas-sena 2000 ghas-somma ta’ Lm163.13 (mija u tlieta u sittin lira Maltin u tletax il-centezmi) mahrug favur “Vodafone” u msarraf minnhom fl-14 ta’ Lulju tas-sena 2000.

Ghalkemm huwa accettat illi l-isem ‘Vodafone’ huwa l-isem  li tahtu l-kumpanija attrici illum tiggestixxi n-negozju taghha u ghalkemm jirrizulta illi effettivament dan l-ammont  ta’ Lm163.13 (mija u tlieta u sittin lira Maltin u tletax il-centezmi) gie mhallas lill-atturi, ma jirrizultax izda li dan il-hlas kien sar mill-konvenut u li kien sar sabiex jghamel tajjeb ghal parti mill-ammont dovut minnhu lill-kumpanija attrici.

Infatti jirrizulta illi c-cheque ma kienx mahrug mill-konvenut, Anthony Sammut, izda kien mahrug minn kumpanija kif indikata fuq l-istess cekk, u minn imkien ma jirrizulta illi dan ic-cekk kien gie spedit minn din il-kumpanija biex jghamel tajjeb ghad-debitu tal-konvenut u mhux ghal xi debitu ohra ta’ din l-istess kumpanija ma’ l-kumpanija attrici

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut lanqas ma wasal ghal prova illi ghamel xi pagament akkont ghal bilanc illi huwa dovut lill-atturi u ghaldaqstant qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ Lm201.80 (mitejn u wiehed lira Maltija u tmenin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Frar 1995;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------